PR212162

**03/12/2021**

# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika jixtieq jinforma lill-pubbliku li wara informazzjoni li rċieva permezz tas-Sistema Rapida tal-Ikel u l-Għalf, l-imsemmijin prodotti ***m'għandhomx jiġu kkunsmati għaliex instab li fihom ingredjent li potenzjalment fih l-ethylene oxide.***

| | |
|---|---|
| **Deskrizzjoni tal-prodott:** | Vitamins + Minerals, Orange Flavour x 30 tablets |
| **Dittà:** | Aptonia |
| **Lottijiet:** | L21.140 u L21.189 |

| | |
|---|---|
| **Deskrizzjoni tal-prodott:** | Electrolytes Tablets, Ecosize, 2 x 20 tablets, lemon flavour |
| **Dittà:** | Aptonia |
| **Lott:** | L21.166 |

| | |
|---|---|
| **Deskrizzjoni tal-prodott:** | Electrolytes Tablets, 2 x 10 tablets, strawberry flavour |
| **Dittà:** | Aptonia |
| **Lott:** | L21.188 |

| | |
|---|---|
| **Deskrizzjoni tal-prodott:** | Electrolytes Tablets, 2 x 10 tablets, lemon flavour |
| **Dittà:** | Aptonia |
| **Lott:** | L21.167 |

L-ethylene oxide huwa pestiċida li l-użu tiegħu fl-ikel mhuwiex awtorizzat fl-Unjoni Ewropeja, iżda hu awtorizzat f'pajjiżi barra l-UE. Għalkhemm il-konsum tal-prodott mhux ta' riskju immedjat, hemm riskju ikbar jekk ikel differenti li jkun ikkontaminat b'din il-kimika jittiekel għal perjodu ta' żmien. Għaldaqstant, wieħed għandu jnaqqas kemm jista' jkun il-konsum ta' prodotti li jkun fihom din il-kimika, anke jekk f'livell baxx. Din it-twissija qed tinħareġ ukoll wara li kien hemm qbil bejn l-istati membri hekk kif irrappurtat fuq **https://ec.europa.eu/food/system/files/2021-07/rasff_ethylene-oxide-incident_e410_crisis-coord_sum.pdf**

Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat email fuq **mhi@gov.mt**.

Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook **https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl** jew is-sit uffiċjali fuq **https://deputyprimeminister.gov.mt/en/environmental/Pages/Home-Page.aspx** għal informazzjoni simili.










